Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 44/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tnejn, 17 ta' Frar 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Preżenti
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Preżenti
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sur John Mallia	Malta Co-Operative Federation		Preżenti għall-parti mil-laqgħa.
Sur Claudio Farrugia	Malta Co-Operative Federation		Preżenti għall-parti mil-laqgħa.

44. 1 Ittri ta' Apoloġija

44.1.1 Il-President semma li s-Sur Marco Agius u s-Sur Joseph Abela Gaea talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impennji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur Wayne Aquilina, il-Kumitat qabel li dawk li infurmaw sabiex ikunu skużati mil-laqgħa għandhom jitniżlu bħala skużati.

44.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.43

44.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 43 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Neil Attard, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

44.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 38

44.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Clayton Portelli Cascun u s-Sur Olaf McKay ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn is-16 ta' Jannar 2025 u s-17 ta' Frar 2025 li kienet tammonta għall-€463,869.12.

44.4 Punti mill-Minuti Laqgħa Nu 43

Il-President fakkar li kien hemm komunikazzjoni mill-Fondazzjoni Kottonera lir-Reġjuni sabiex tinfurma li l-Kunsill Lokali tal-Birgu kien għadu ma ħallasx il-€50,000 li suppost kellhom jitħallsu għal-kitba tal-Bid Book.
Is-Sur John Boxall semma li hemm kollox approvat mill-Kunsill u qed jistenna lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex joħroġ il-pagament.
Il-President semma li r-Reġjun mhux ser joqgħod jiġri wara l-Kunsill biex iħallas għax dan l-obbligu huwa lejn il-Fondazzjoni u mhux lejn ir-Reġjun għaldaqstant huwa jħalli f' idejn il-Kunsill biex iħallsu dak li huwa dovut lill-Fondazzjoni Kottonera.
Is-Sur Jorge Grech semma li wieħed għandu jitlob lill-Fondazzjoni Kottonera għar-rendikont idettaljat tan-nefqa sa issa. Dan peress li kien hemm qbil unanimu li r-rendikont preżentat u anness mal-minuti tal-Laqgħa Nu 43 ma kienx qed juri stampa ċara tan-nefqa u n-nefqa kienet għada baxxa ħafna komparata mal-€200,000 li ħarġu bejniethom l-Entitajiet sabiex ikopru l-ispejjeż relatati mal-kitba ta' dan il-Bid Book.
Kien hemm qbil li r-Reġjun għandu jinsisti għad-dettalji ta' din in-nefqa.

44.4.1 Belt Kapitali Ewropea 2031

Kien hemm sospenzjoni tal-Aġenda fuq talba tal-President u ssekondata mis-Sur Jorge Grech biex jiġi diskuss is-suġġett tal-Belt Kultura Ewropea 2031 dan sabiex kien hemm talba b' mod uffiċjali biex is-seduta tal-lum biex ikollha kontinwazzjoni nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Marzu sabiex ikun hemm preżentu uffiċjali mill-Fondazzjoni. Dan għaliex il-Membri tar-Reġjun riedu dettalji speċifiċ għat-talbiet finanzjarji li qed tagħmel il-Fondazzjoni. Dan sabiex ikun hemm trasparenza u ħarsien tar-regolamenti finanzjarji jekk ir-Reġjun ser ikollu jerġa' jgħaddi pagament ieħor lill-Fondazzjoni.
Is-Sur John Boxall semma li din il-Fondazzjoni qed tiffunzjona minn fondi mogħddija mir-Reġjun, mill-Kunsill u anki mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, għaldaqstant għal-laqgħa għandu jkun ukoll mistieden id-Direttur Ġenerali. Kien hemm qbil unanimu li għandha tintbgħat komunikazzjoni mis-Segretarju lid-Direttur Ġenerali sabiex jattendi.

44.4.5 Immaniġjar tal-Iskart	Il-President semma li l-kuntrattur kien bagħat il-workplan ta' Ħaz-Żabbar revedut. Il-President semma wkoll li kien hemm komunikazzjoni mal-kuntrattur fejn ikkonferma li x-Xgħajra ser tkun qed issir minn kollettur ieħor u għaldaqstant ser ikun qed jibda l-ġabra 10:30am kif ilesti l-Kalkara. Is-Segretraju Eżekuttiv infurmat li kienet ser tikkomunika mal-kuntrattur b' mod formali ħalli jkollha bil-miktub dan l-arranġament.
44.4.6 LESA Enforcement Scheme	Il-President semma li fadal €37,000 f' dan il-fond u li l-Kunsilli kellhom jużawhom sa l-aħħar ta' Mejju 2025.

44.5 Komunikazzjoni mill-President

44.5.1 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-kwotazzjonijiet miġbura għas-servizz ta' accountant u book keeper	Il-President semma li kienu inġabru l-kwotazzjonijiet meħtieġa u li r-Reġjun kien ser imexxi bl-orħos kwotazzjonijiet għas-servizzi imsemmija. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Jorge Grech, kien hemm qbil li jintgħażlu l-orħos kwotazzjonijiet.
44.5.2 Data Protection Officer	Il-President informa li r-Reġjun kien ġabar kkwotazzjoni għal servizz ta' sena sabiex ir-Reġjun u l-Kunsilli li jappartjenu lir-Reġjun ikunu jistgħu jingħataw servizz ċentralizzat ta' DPO. Semma li l-ispiża ser tkun kollha mħalsa mir-Reġjun. Semma li fil-jiem li ġejjin ser tintbgħat ċirkulari bid-dettalji ta' DPO.

44.6 Preżentazzjoni mis-Sur John Mallia rigward proġett ta' Kooperattivi mar-Reġjun Port.

44.6.1 Is-Sur John Mallia ta' introduzzjoni għall-irwol tal-kooperattivi u kif ir-Reġjun jista' jkollu l-kooperattivi tiegħu sabiex isir proġett għall-transport sostenibbli madwar ir-Reġjun kif ukoll jgħaqqad il-parti t' isfel tar-Reġjun mal-mezz ta' transport fil-Kottonera sabiex jintuża t-transport tal-baħar mingħajr mar-resident juża l-karozza privata tiegħu. Semmew ukoll li filkas tal-lokalitajiet bħal Belt u l-Furjana jkollhom ukoll il-possibbilita' sabiex iwasslu r-residenti tagħhom fil-parti l-oħra tar-Reġjun.

44.6.3 Is-Sur Mallia semma li l-Kooperattiva għandha jkollha Business Plan u Sales Pitch sabiex tkun tista' tagħddi mill-parametri tal-Board tal-Kooperattivi. Għandha jkollha statut li fih anki jidettermina l-profiti lil min jappartjenu. Semma wkoll li din għandha tkun reġistrata mal-Malta Business Registry.

44.6.2 Wara spjega ta' preżentazzjoni mis-Sur Mallia, u diskussjoni bejn dawk preżenti fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Olaf McKay u s-Sur John Boxall kien hemm qbil li r-Reġjun għandu jesplora din il-possibbilita' sabiex jinbeda studju u riċerka ta' kif l-aħħjar isir dan il-proġett.

44.7 Aġġornament

44.7.1 Il-Laqgħa aġġornat fis-19:50, il-Membri qablu li għandhom jagġornaw u jkomplu bil-kontinwazzjoni tal-laqgħa kif maqbul f' punt 44.4.1 nhar il-Ġimgħa, 7 ta' Marzu 2025 fit-17:00 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 44/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni – **Kontinwazzjoni**

Data: il-Ġimgħa, 7 ta' Marzu 2025

Ħin: 17:00

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Preżenti
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Skużat
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Preżenti
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Preżenti
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Skużat
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Preżenti
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti
Sa Lucienne Bugeja	Kap Amministrattiv	Fondazzjoni Kottonera	Preżenti
Sur Keene Sarsero	Accounts Representative	Fondazzjoni Kottonera	Preżenti

44.8 Belt Kapitali Ewropea 2031

44.8.1 Il-President beda billi semma li matul il-jiem bejn l-Laqgħa tra-Reġjun u din il-laqgħa kienet saret laqgħa mas-Sur Rupert Cefai fejn għaliha attenda hu flimkien mas-Sur John Boxall. Il-President preżenta il-minuti ta' dik il-laqgħa u qall li wara diskussjonijiet twal mas-Sur Cefai fejn huwa assigura li x-xogħol qed isir b' mod prefessjoni u bl-integrita' sħiħa tas-Sur Cefai għaldaqstant inqraw il-Minuti preparati mill-President. Dokument aness u mmarkat bħala Annex 1.

44.8.2 Il-President semma li huwa fehem il-pożizzjoni tal-Fondazzjoni li ma jistgħux jgħaddu dettalji minħabba l-privatezza u anki l-kompetizzjoni li hemm fil-kitba tal-Bid book anki ma' Reġjun ieħor. Semma li s-Sur Rupert Cefai ħa r-responsabbilita' kollha huwa li kif jinħareġ il-Bid Book lejn Settembru jsir awditjar tan-nefqa sħiħa u dan jiġi preżentat lill-Kunsill u anki lir-Reġjun.

44.8.3 Għaldaqdtant il-President semma li huwa jippropni li tingħata fiduċja assoluta fis-Sur Cefai u l-integrita' tiegħu li dan il-proġett qed jitmexxa finanzjarjament b' l-aktar mod trasparenti u b' governanza tajba.

44.8.4 Is-Sur John Boxall semma li huwa għandu rispett u fiduċja reċiproka fis-Sur Cefai. Semma wkoll li huwa bħala membru tal-Board anki tal-Fondazzjoni Kottonera jħossu skomdu li m' għandux dettalji ta' dawn in-nefqiet. Is-Sur Boxall xtaq ukoll jinnotifika lir-Reġjun li matul il-jiem li għaddew il-Kunsill Lokali tal-Birgu kien għadda l-pagament sħiħ ta' €50,000 lill-Fondazzjoni Kottonera. Għaldaqstant issa l-Kunsill jinteressah ukoll in-nefqiet fiex jikkonsistu.

44.8.5 Il-President semma li kif diġa spjega s-Sur Cefai tefa' r-responsabbilita' kollha fuqu. Semma wkoll li l-kliem waqt il-laqgħa interna bejniethom kien kemm xejn iebes li jekk wieħed jinsisti sabiex jingħaddha r-rendikont tal-ispejjeż jista' dan il-proġett jisfaxxa.

44.8.6 Is-Sur Boxall semma li huwa jaqbel mal-punti miktuba mill-President u annessa ma' dawn il-Minuti. Minkejja dan kien hemm xi Sindki li dawn il-punti mhumiex iffirmati mis-Sur Cefai.

44.8.7 Is-Sur Wayne Aqilina semma li jidher li minn meta iltaqgħu fl-aħħar laqgħa tar-Reġjun sal-lum bħal donnhom iċċaraw l-affarjiet. Semma imma li huwa ma jistax jifhem kif ma jistax jingħata rendikont tal-ispiża mingħajr il-ħtieġa li jissemmew ismijiet imma tal-inqas jisemma s-servizz li ngħata. Semma li dan kollu huwa ffinanzjat minn fondi pubbliċi u ma nistgħux nikkuntentaw li ser niksru xi regoli tal-GDPR għaliex nistaqsu għall-liema servizzi qed iħallas ir-reġjun u l-Kunsill tal-Birgu flimkien mad-Diviżjoni. Semma li huwa wkoll juri fiduċja assoluta fis-Sur Cefai u jemmen bis-sħiħ li qed jagħme biċċa xogħol tajba ħafna. Semma li minkejja li ma kienx konxju tal-laqgħa li nżammet il-jum ta' qabel flimkien mas-Sur Cefai u li fiha attendew il-President u s-Sindku tal-Birgu jidher li bħal donnu r-Reġjun iċċara l-affarjiet li kien hemm diffikulta' fuqhom. Semma li huwa jifhem li fejn jidħlu servizzi artistiċi tidħol il-kunfidenzjalita' u reġa' aċċenna li huwa mhux jitlob dettalji ta' individwi imma rendikont ta' servizzi imħalsa. Filwaqt li huwa ssekonda lill-President u lis-Sur Boxall li għandu jkun hemm fiduċja assoluta fis-Sur Cefai. Biss pero huwa xtaq biss jassigura li dawn il-fondi maħruġa mir-Reġjun qed imorru għall-ħlasijiet ta' servizzi relatati mal-Bid Book u mhux għal servizzi oħra relatati mal-Fondazzjoni Kottonera.

44.8.8 Is-Sa. Bugeja semmiet li l-Fondazzjoni ħalsetgħas-servizzi mogħtija matul l-ewwel ftit xhur tax-xogħol relatat mal-Bid Book. Semmiet li minħabba li fuq l-invoices hemm dettalji ta' ismijiet personali u anki kontijiet bankarji l-Fondazzjoni ma xtaqitx li dawn jiġu ċċirkulati permezz ta' email. Semmiet imma li qegħdin magħha u jekk kemm-il darba jingħata permess mill-President din tkun tista' taqra x' fihom. Dan peress li hija ġibdet l-attenzzjoni li kien għadu kif kien hemm qbil li tingħata fiduċja assoluta fis-Sur Cefai.

44.8.9 Is-Sur Jorge Grech semma li huwa jifhem li dak li jkun ġie kkomunikat b' email għal wieħed ipoġġi u jiddiskuti jkun hemm differenza fl-andament tad-diskussjoni u ċerti afafrjiet jiġu ċċarati aħjar. Semma imma li għall-benefiċju ta' kulħadd u anki għal fini ta' trasparenza kellha tingħed l-attenzzjoni li r-rendikont provdut mill-Fondazzjoni ma kienx ċar.

44.8.10 Is-Sa. Bugeja semmiet li d-dokumenti qegħdin kollha ġewwa l-Fondazzjoni u meta jkun hemm bżonn kemm il-Membri tar-Reġjun kif ukoll l-awdituri tar-reġjun jistgħu jmorru jaraw dawn il-fatturi.

44.8.11 Is-Sur Nigel Holland semma li ser ikollu jintervjeni minkejja li jista' jkun li l-osservazzjoni tiegħu mhux ser tkun popolari. Semma li wieħed mhux qed jiddiskuti n-nuqqas ta' fiduċja fis-Sur Cefai imma n-nuqqas ta' dettalji li ngħataw mill-Fondazzjoni meta din hija responsabbli mill-amministrattiv ta' dan il-proġett. Huwa jsemmi wkoll li bħal donna qed nonqsu milli min-naħa l-oħra ngħatu wkoll fiduċja assoluta fis-Sindki li jirrapreżenataw lir-Reġjun fejn li gaħx wieħed jara d-dettalji ma jfissirx li ser imur jikxef minn huma l-artisti li qed jaħdmu fuq dan il-proġett. Is-sindki preżenti qablu mal-pożizzjoni tas-Sur Holland.

44.8.12 Qamet diskussjoni kif ċerta attivitajiet speċjalment meta qed tindirizza Għaqdiet mil-lokal ma' jsirux ġo Għaqda stess imma qed jinkrew postijiet oħra. Semmew li wieħed irid ikun kawt f' dawn in-nefqiet għaliex ħadd ma jaf x' ser jiġri jekk il-Fondazzjoni jispiċċawlha €400,000 li ser jgħaddu għandha f' dawn is-sentejn u l-Bid Book ma jkunx lest. Wara insistenza għal tweġieba għal din il-mistoqsija, is-Segretarju Eżekuttiv semmiet li m' hemm xejn bil-miktub x' jista' jiġri f' każ li tqum din is-sitwazzjoni imma wieħed jista' jassumi li jkollna nerġgħu niddiskutu għal aktar finanzjament sabiex jitlest l-proġett. Dan meta wieħed iżomm f' moħħu li r-Reġjun ma jista' bl-ebda mod imwaqqaf il-proċess li jissottometti Bid book. Semmiet li wieħed għandu jesiġi li l-Fondazzjoni tippreżenta Business Plan idettaljat u anki Estemi Finanzjarji tan-nefqiet li jridu jsiru. Fakkret ukoll li meta r-Reġjun kien fil-proċess li jwaqqaf Fondazzjoni, kien ser ikun hemm Supervisory board magħmul mis-Segretarju tar-Reġjun u dak tal-Kunsill flimkien mal-accountant biex propoju dawn in-nefqiet ikunu approvati minn dan il-Board u wieħed jara wkoll li kienu qed isiru r-Rapporti Finanzjarji kollha kif mitlub mil-liġi. Fakkret ukoll li dan huwa l-format li bih qed titmexxa l-Fondazzjoni ġewwa Għawdex u li l-pariri li dejjem għaddew għand ir-reġjun kienu li wieħed għandu jsegwi l-istess mudell.

44.4.13 Is-Sur Wayne Aquilina semma li hu minkejja li huwa wkoll Membru tal-Board tal-Fondazzjoni Kottonera għadu ma jafx x' inhuma l-irwolijiet tal-persuni li qed jaħdmu fuq dan il-proġett. Semma li din hiaj sitwazzjoni inkwetanti għar-Reġjun u l-Kunsill tal-Birgu għax wieħed għandu jkollu stima finanzjarja ċara tan-nefqa. Semma li d-dettalji tan-nefqiet mhumiex mistoqsijiet dwar l-operat tas-Sur Cefai imma huma mistoqsijiet leġittimi li r-Reġjun għandu jsaqsi.

44.4.14 Is-Sur Clive Pulis, is-Sur Wayne Aquilina u s-Sur John Boxall kollha qablu li minkejja li huma Membri tal-Board tal-Fondazzjoni huma m' għandhomx dettalji ta' dawn in-nefqiet. Semmew li minkejja li jidher li hemm xi diffikultajiet bejn is-Sindki tal-Kottonera u l-Fondazzjoni din mhix il-fora li dawn id-diffikultajiet jiġu indirizzati imma ser ikunu qed jitolbu Board meetin lis-Sur Joe Mizzi bħala Chairman tal-Fondazzjoni.

44.4.15 Il-President informa wkoll li minkejja d-Diviżjoni kienet mistiedna għal din il-laqgħa ma kien hemm l-ebda komunikazzjoni min-naħa tad-Direttur Ġenerali.

44.4.16 Is-Sa. Bugeja semmiet li l-fondi li jidħlu għand il-Fondazzjoni huma segregati f' kont bankarju iapparti u li kull spiża tiġi mnaqqsa mill-kont bankarju rispettiv.

44.4.17 Kien hemm insistenza mis-Sindki preżenti li huma xorta waħda jixtiequ jkunu jafu d-dettalji tas-servizzi mħallsa mill-Fondazzjoni relatati max-xogħol fuq il-Bid Book. Għaldaqstant, is-Sa. Bugeja tat ħarasa lejn id-dokumenti li kellha u qrat it-total u li dawn kienu servizzi relatati mal-Bid Book. Semmiet ukoll li għal darb' oħra ir-rendikont lir-reġjun jingħata aktar dettaljat.

44.9 Management Letter għas-sena Finanzjarja 2024 u r-risposta – Reġjun Port

44.9.1 Is-Segreatrju Eżekuttiv tat kopja tal-Management Letter għas-sena 2024 kif ukoll ir-risposta li hija preparata għal din l-ittra. Kien hemm qbil li din għandha tintbgħat lid-Diviżjoni sabiex il-proċess tal-awditjar ikun konkluż.

44.10 Aġġornament

44.10.1 Il-Laqgħa aġġornat għall-ħabta tas-19:30 u kien hemm qbil li jerġgħu jiltaqgħu nhar it-Tnejn, 24 ta' Marzu 2025 fil-17:30.

Chev Paul Farrugia
President Reġjun Port

Lianne Cassar
Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv

Annex 1

Laqgha dwar Belt Kulturali Ewropea 2031

06 ta' Marzu,2025

Prezenti:

Pawlu Farrugia

Rupert Cefai

John Boxall

Din il-laqgha kienet intiza sabiex ninghata spjega u r-raguni ghaliex ma' inghatawx dettalji fir-rendikont ta' infieq relatati mal-Bid Book ghal applikazzjoni Belt Kulturali Ewropea 2031 mil-Fondazzjoni Kottonera.

Is-sur Cefai infurmani li ir-raguni principali hija l-fatt sabiex fil-prezent ma' johorgux dettalji ta' persuni involuti fil-process tal-preparamenti ta' l-applikazzjoni.

Qalli wkoll li jekk inkun irried nibghat awditur sabiex janalizza il kontijiet kollha li qedghin jithalsu, u dan ghal fatt li awditur huwa marbghut bl-etika professjonali ta' segretezza.

Infurmani wkoll li kull pagament li qieghed isir mil-Fondazzjoni f'dan ir-rigward huwa approvat minnu bhala il-persuna responsabbli minn dan il-Bid Book. Dan ifisser li l-Fondazzjoni ma' tghaddi l-ebda pagament minghajr l-approvazzjoni tieghu.

Qalli wkoll li hu qieghed izomm accounts separate dettaljati ta' l-infieq kollu relatat u hekk kif f'Settembru,2025 tigi sottomessa l-applikazzjoni ser ninghataw rendikont dettaljat awditjat tal-hlasijiet kollha.

Waqt din id-diskussjoni is-sur Cefai spjegali wkoll fid-dettal kif inhi il-procedura ta' kif topera Fondazzjoni fejn tirrekredi xiri kif ukoll hatra ta' artisti jew konsulenti li hija totalment differenti ta' kif joperaw il-Kunsilli Lokali u Regjuni.

Fil-konkluzjoni tal-laqgha is-sur Cefai offrili wkoll li jekk tinhass il htiega lest li jigi jghamel laqgha mal-Kunsill Regjonali sabiex jispjega dak kollu li hemm bzonn, dan ghal fatt li huwa il-persuna assolutament responsabbli ghal din l-applikazzoni.

Pawlu Farrugia

President

Regjun Port